**- RELAZZJONI BEJN AVUKAT U KLIJENT -**
**- HLAS TA' ONORARJU GHAL SERVIZZI PROFESSJONALI -**
**- "ATTO D'EREDE" U KOMPETENZA TAT-TRIBUNAL -**
**- RINUNZJA GHALL-EREDITÀ -**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha, 9 ta' Jannar, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **435/2017**

**AVUKAT DOTTOR JOHN BONELLO**
[K.I. NRU. 534080M]

***VERSUS***

**CHRISTOPHER BONELLO U ERIC BONELLO**
[K.I. NRU. 396175M U 319877M RISPETTIVAMENT]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fit-13 ta' Settembru, 2017 fejn l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-attur ipprovda servizzi professjonali in konnessjoni ma' proprjetà fl-Isla u cjoe 111, Triq il-Vitorja. Din il-proprjetà, sa fejn jaf l-esponenti, kienet mikrija lill-mejjet John Bonello li jigi missier l-intimati fejn kien joqghod mal-familja tieghu (jigifieri l-intimati);

2. Illi kull meta l-mejjet John Bonello kien jersaq fl-ufficju tal-attur, kien ikun akkumpanjat minn wiehed mill-intimati tant li sa mill-ewwel darba li l-attur intalab jippresta servizzi u cjoe nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru 2009, l-istruzzjonijiet inghataw mill-intimat Eric Bonello li sahansitra kien qal espressament lill-attur sabiex kwalunkwe komunikazzjoni jaghmilha mieghu fuq il-mobile 99015124. Dakinhar, l-attur kien intalab jibghat ittra bonarja lill-avukat ta' sid il-kera;

3. Illi sussegwentement, l-attur kien intalab jibda jiddepozita l-kera taht l-awtorita' ta' din il-Qorti;

4. Illi intant giet ipprezentata kawza fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet "Maria Rosaria Borg et vs Maria Concetta Barnet et" (Rik. 96/10GG) u l-esponenti intalab jassisti lil John Bonello li kien konvenut, dan dejjem fuq struzzjonijiet tal-intimati li kienu jmorru fl-ufficju tal-attur fil-Fgura normalment nhar ta' Erbgha;

5. Illi din il-kawza giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-4 ta' Mejju 2015 u giet appellata;

6. Illi sikwit l-intimati kienu jitolbu pariri minghand l-attur dwar materji li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kawza ta' missierhom;

7. Illi hekk kif giet deciza l-kawza, John Bonello flimkien mal-intimat Christopher Bonello kien mar fl-ufficju tal-attur u kienu ftiehmu li d-drittijiet tal-attur kellhom ikunu ta' elf u mitejn euro (€1,200) oltre t-taxxa fuq il-valur mizjud fl-ammont ta' mitejn u sittax-il euro (€216) li flimkien jaghmlu elf erba' mija u sittax-il euro (€1,416). L-intimati talbu ghal zmien ghal hlas, irid jinghad li sa dak in-nhar, la l-intimati u lanqas missierhom ma kienu hallsu xejn tal-prestazzjonijiet ghajr il-kirjiet li gew depozitati taht l-awtorità tal-Qorti;

8. Illi John Bonello miet nhar l-10 ta' Awissu 2015 u dan qabel ma kien sar xi pagament;

9. Illi minkejja l-mewt ta' missierhom, uliedu l-intimati baqghu jitkellmu mal-attur u jiddiskutu anke l-kawza li issa kienet appellata tant li fil-25 ta' Novembru 2015 l-intimat Eric Bonello bghat *email* fejn talab direzzjoni dwar x'ghandu jaghmel bic-cwievet. Kopja ta' din l-email tinsab annessa u mmarkata "Dok. X";

10. Illi ghall-prudenza billi l-intimati kienu ghadhom vistuzi stante l-mewt ta' missierhom, l-attur ma kienx qieghed jesigi l-hlas tad-drittijiet tieghu izda meta ra t-tonalità tal-*email* kellimhom sabiex ihallsu. Ghall-bidu talbu aktar zmien, sussegwentement, infurmaw lill-attur li huma kienu rrinunzjaw ghas-successjoni ta' missierhom u ghalhekk ma kellhom ihallsu xejn;

11. Illi minbarra l-fatt li l-esponenti ircieva struzzjonijiet minghand l-intimati, mill-*email* annessa jidher bic-car li l-intimati ghamlu atti di erede;

12. Illi ittra ufficjali li saret ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 sal-lum ghadha mhux notifikata u ghalhekk kellha tigi pprezentata din il-kawza;

Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf erba' mija u sittax-il euro (€1,416) liema somma tirraprezenta in kwantu ghal elf u mitejn euro (€1,200) drittijiet u l-bqija mitejn u sittax-il euro (€216) taxxa fuq il-valur mizjud liema somma tirraprezenta drittijiet ghal prestazzjonijiet professjonali, bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali (166A) numru 1673/2017 u tal-mandat ta' sekwestru 1352/2017 fl-istess ismijiet kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti ta' l-10 ta' Ottubru, 2017 fejn irrezistew ghall-pretiza attrici billi eccipew hekk:

1. Illi l-esponenti mhumiex il-legittimi kontraditturi stante li huma rrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici fil-konfront taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhux debituri tieghu fl-ebda ammont.

3. Illi l-procedura adoperata mir-rikorrent mhux wahda idonea skond il-ligi.

4. Illi l-esponenti qatt ma dahlu fl-ebda ftehim bhal dak indikat mir-rikorrent. Mhux hekk biss izda kull darba li marru fl-ufficju tieghu w attendew ghal xi seduta l-Qorti l-Avukat rikorrent dejjem thallas tal-prestazzjonijiet tieghu.

5. Illi huma ga rrispondew f'dan is-sens l-ittra ufficjali prezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12. Illi l-esponenti huma ferm sorprizi bil-proceduri odjerni w jirrilevaw li kellu jsir tali ftehim dana missu sar qabel ma bdew il-proceduri gudizzjarji.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ikkunsidra l-provi kollha mressqa u ra l-atti kollha processwali;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2018,[1] f'liema udjenza l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2018 u wara dik l-udjenza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

It-Tribunal jikkunsidra;

In sintezi, il-prezenti istanza titratta talba biex il-konvenuti jissaldaw drittijiet professjonali lill-attur li, bhala avukat difensur, huwa kien presta fi proceduri gudizzjarji quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Min-naha taghhom, il-konvenuti jirrespingu tali allegazzjonijiet u jikkontendu li m'ghandhom ihallsu xejn. Il-kumplikazzjoni hija li l-attur kien jassisti primarjament lil missier il-konvenuti f'tali proceduri ohra izda meta dan gie nieqes hu dar fuq uliedu, il-konvenuti, ghall-onorarju relattiv. L-attur jikkontendi li l-konvenuti ghandhom jikkumpensawh kemm ghaliex huma fattwalment eredi ta' missierhom (ghax wettqu atti ta' eredi u bhala tali jissucjedu lil missierhom *qua* debitur ta' l-attur ghal dak li jirrigwarda hlas ta' drittijiet professjonali) u kif ukoll personalment *a se stante* (ghax huma kienu jmorru ghandu jassistu lil missierhom u jitolbu pariri). Il-konvenuti jikkontendu li huma rrinunzjaw li jissuccjedu lil missierhom u ghalhekk ma ghandhomx jonoraw l-obbligi assunti mid-decedut missierhom u jghidu wkoll li ma kien hemm l-ebda qbil bejnhom u l-attur dwar hlas ta' drittijiet.

It-Tribunal ikollu jistqarr li l-prezenti kaz jipprospetta diversi spunti, kemm fattwali u kif ukoll guridici, li jkun siewi li dan it-Tribunal jinvesti *funditus* fihom, kemm ghaliex l-ezitu tal-prezenti kaz jiddependi mid-definizzjoni u s-soluzzjoni taghhom u kif ukoll l'ghaliex l-istess aspetti huma pekuljari u partikolarment interessanti.

F'tali inkwadratura, it-Tribunal jemmen li l-ewwel u qabel kollox ghandu jigi stabbilit jekk il-procedura intrapriza mill-attur b'din il-kawza ghar-riskossjoni tal-kumpens minghand il-kijent hijiex il-procedura tajba jew le u dan proprju l'ghaliex il-konvenuti, tramite t-tielet eccezzjoni taghhom, jikkwerelaw l-istanza bhala wahda mhux idonea. Sussegwenti ghal tali ezercizzju - u dipendenti mit-twegiba li tinghata ghalih -

[1] Liema trattazzjoni giet registrata u traskritta (ara *a foll.* 72-81).

imbaghad ghandu jigi ricerkat u stabbilit min kien tassew il-klijent ta' l-attur avukat fil-proceduri quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera u lil min fil-verità inghataw is-servizzi professjonali. Dan l-aspett tal-vicenda huwa fattur imperattiv li jigi ben stabbilit peress li mill-premessi attrici hemm tahlita ta' fatti li ma jurux sewwa sew lil min l-attur kien, u ghadu, jikkunsidra klijent tieghu. Dan l'ghaliex fl-istess hin li hemm imtenni li presta servizzi lill-mejjet John Bonello, jghid li l-istruzzonijiet inghataw minn uliedu, hawnhekk konvenuti; filwaqt li jghid li ta parir dwar il-kawza quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera lill-istess mejjet, jghid li l-kommunikazzjoni kienet issehh ma' uliedu.[2]

Ghalhekk, iz-zewg domandi li jehtiegu risposta huma dawn: (1) il-procedura segwita mill-attur b'dawn il-proceduri gudizzjarji hija l-procedura tajba? u (2) bhala stat ta' fatt, l-attur avukat assista lil min u min ha vantagg mis-servizzi tieghu? Fi kliem iehor, min kien il-klijent ta' l-attur avukat? Il-mejjet John Bonello biss jew anke ulied l-istess John Bonello? Stabbilit tali aspett, il-vicenda mbaghad tiehu perkors naturali lejn is-soluzzjoni taghha.

Biex tali kweziti jigu rizolti, it-Tribunal jhoss li fl-isfond ghandu jinzamm certu taghlim misluf mid-duttrina estera u mill-gurisprudenza patria dwar ir-relazzjoni li tghaddi bejn avukat u klijent.

Ghandu jkun ormai indubitat li l-legam bejn avukat u klijent jippartecipa minn vinkolu kontrattwali. Dan hu rikonoxxut kemm fid-duttrina estera[3] u kif ukoll mill-qrati domestici[4].

Espress fi kliem semplici, hawn si tratta ta' kuntratt li jista' jkollu bhala oggett uniku l-indirizz ta' kwistjonijiet singoli (jew individwali), kumplikati jew le, da parti tal-professjonist li ma jwasslux ghall-klassici proceduri gudizzjarji quddiem qrati, bordijiet jew tribunali. Min-naha l-ohra, l-istess kwistjonijiet jafu, mill-indole taghhom, jevolvu f'sitwazzjoni li s-soluzzjoni taghhom (jew ta' serje ta' problemi legali) tirrikjedi rikors quddiem l-awtoritajiet gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji. Id-differenza hawnhekk,

---

[2] Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li l-konvenuti kienu jakkumpanjaw lil missierhom l-ufficju ta' l-attur, li l-istruzzjonijiet inghataw mill-konvenut Eric Bonello u li sahansitra li l-komunikazzjoni kellha ssir bejn l-istess avukat ma' Eric Bonello li kien ghaddielu n-numru tac-cellulari tieghu (*vide* para. 2 ta' l-affidavit *a fol.* 16). Fit-trattazzjoni ta' l-gheluq, l-attur jkompli jsostni li, "*din il-kawza saret kif saret ghaliex, fis-sens saret fil-konfront taz-zewg Konvenuti odjerni, kemm ghaliex huma ulied John Bonello, il-Konvenut fil-kawza li tat lok ghal dawn il-proceduri, kif ukoll ghaliex huma ghandhom interess dirett f'dina l-kwistjoni u kienu l-persuni li taw struzzjonijiet lili sabiex nippresta servizzi professjonali.*" (*a fol.* 72).

[3] **Jacopo Pensa**, "Avvocati e Procuratori: Responsabilitá Civile, Penale e Disciplinare" (Ipsoa Informatica, 1989; p. 20): "*pare fuor di dubbio che nel diritto e personale rapport avvocato-cliente non possa che ravvisarsi una responsabilitá di natura contrattuale*." **Carlo Lega**, "La Libera Professione" (Giuffrè, 2ª edizione, 1952; p. 311): "*la sua contrattualitá è fuori dubbio*." Ara wkoll, fost ohrajn, **Giovanna Visintini**, "La Responsabilitá Civile Nella Giurisprudenza" (CEDAM, 1967; p. 165).

[4] *vide*, fost diversi ohra, **Mary Xuereb v. Nutar Agius** (riportata f'*Kollez.* Vol. XLIII-789); **Spiridione Zammit v. Avv. Antonio Caruana** (riportata f'*Kollez.* Vol. XLI-I-572); **Joseph Stivala v. Joseph Colombo** (riportata f'*Kollez.* Vol. XXXVII-662); **Leo Micallef et v. Avukat Dottor Kris Busietta** (Prim'Awla, 11 ta' Marzu, 2014); u **Maria sive Maryanne Spiteri v. Avukat Dr. Edward Gatt** (Prim'Awla, 10 ta' Mejju, 2017).

ghalkemm sottili, hi *non di meno* ezistenti. Fl-ewwel xenarju l-professjonist hu msejjah biex jippresta l-gherf u l-esperjenza tieghu ghas-soluzzjoni ta' kwezit (li jaghti parir legali), mentri fit-tieni wiehed, l-istess servizz jitramuta ruhu f'konferiment ta' inkarigu biex il-kwistjoni (jew ilment) tal-klijent tigi ventilata - skond il-mezzi opportuni u proceduri mehtiega - mill-professjonist quddiem l-awtoritajiet, fejn il-vuci tal-klijent tigi mwassla u l-interessi tieghu rapprezentati.

Ghalhekk, f'tali vinkolu, dan l-akkordju kuntrattwali jobbliga lill-professjonist lejn l-izvolgiment ta' serje ta' prestazzjonijiet kumplessi, liema jigu individwati u indirizzati skond ic-cirkostanzi tal-kaz konkret, ossia, fost ohrajn, mis-semplici attività ta' parir u informazzjoni lill-klijent dwar xi materja li l-klijent jixtieq jitfa' dawl fuqha, ghal dawk aktar komplikati u kumplessi ta' rapprezentanza (f'sens ta' patrocinju u difiza) fi procedimenti civili, penali, amministrattivi, aribitrali jew ta' xi generu iehor; mir-redazzjoni ta' skritturi, abbozzi ta' kuntratti jew atti ohra analogi, ghal dawk ta' konsulenza professjonali fl-elaborazzjoni ta' strategiji procedurali t'indoli civili, fiskali, kummercjali, ecc., biex jinbena kaz fi procediment gudizzjarju ghan-nom tal-klijent patrocinat.

Il-prattika professjonali tipprospetta bosta kazijiet (jew xenarji), multiformi, fejn l-avukat jigi afdat diversi inkarigi; bhal per ezempju, l-abbozzar ta' xi parir legali jew konsulenza kontinwa. Dawn, di natura u f'sens strett, ma jaghtux il-konferiment ta' xi poter ta' rapprezentanza jew ta' patrocinju tal-kljient fir-rapporti ta' l-istess klijent ma' partijiet privati ohra jew m'entitajiet pubblici.

Premess dan, il-prestazzjoni prevalenti tal-avukat, lill hinn mil-espletament ta' attività purament extra-gudizzjali (jew t'indoli amministrattiva), hi indirizzata ghall-kompjiment ta' atti giuridici ta' natura guridiko-legali, u huwa hawnhekk li jigi postulat il-kuntest tar-relazzjoni li tinterkorri bejn il-klijent u l-avukat. X'inhu ezattament il-kuntratt li jorbot vicendevolment il-klijent u lill-avukat? X'denominazzjoni ghandna naghtuh?

Studju tad-duttrina antika u dik aktar moderna, akkompanjata minn qari tad-decizjonijiet tal-qrati taghna, juri li t-twegiba mhux daqstant facli jew kristallina. Il-vinkolu gie klassifikat u ri-klassifikat diversi drabi, daqqa bhala *locatio operis*[5] u

[5] **Giovanni Cattaneo** fi "La Responsabilità Del Professionista" (Giuffrè ed., 1958; p. 27), jasserixxi illi, "*gia prima del nuovo codice, secondo buona parte della dottrina, il contratto doveva considerarsi di regola come locazione d'opera.*" Ta' l-istess idea huwa **G. Baudry-Lacantinerie** fi "Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Dei Contratti Aleatori" (edizione Dottor Francesco Vallardi, 1924; §378, p. 191 *et seqq.*, §379, p. 196 u §381, p. 197). Awtur iehor, **Lodovico Mortara**, li fi "Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile" (3ª ed. 1926, Vol. II, §496; p. 745), jikteb hekk: "*Il mandato ha una funzione meramente formale, essendo destinato a stabilire presso il magistrato la legittimitá della rapprezentanza del cliente. Ma il difensore non assume soltanto di rapprezentare il cliente; bensì per la fiducia che questi ripone in lui e per le cognizioni professionali di cui si afferma dotato, contrae l'obbligo di prestare l'opera propria, intelletuale, e materiale, con criterio e volontá sottratti al diretto sindacato del mandante per un intento finale che è la buona riuscita dell'affare commessogli.*"

daqqa bhala mandat jew bhala mandat specjali, u sahansitra bhala kuntratt innominat ta' natura *sui generis*.

Matul iz-zminijiet, il-Qrati taghna trattaw diversi drabi r-rapport li jghaddi bejn avukat u l-klijent tieghu u jidher illi tali relazzjoni dejjem giet primarjament parifikata ma' u kkunsidrata taht l-istitut tal-mandat. B'illustrazzjoni, wiehed jirreferi ghas-segwenti sentenzi:

**(a)** **Vincenzo Briffa et v. Canonico Ignazio Gatt et** (Appell Civili, 15 ta' Jannar, 1906; riportata f'*Kollez*. Vol. XIX-I-129): "*l'avvocato ed il procuratore legale sono mandatari del loro clienti.*";

**(b)** **Mary Sutch v. Felice Cini** (Prim'Awla, 8 ta' Frar, 1939) inghad hekk: "*Fid-dottrina, tant Franciza kemm Taljana, gie ritenut illi l-mandant quddiem it-terzi huwa responsabbli anki tal-fatt kolpuz tal-mandatarju. Tant jidher mill-insenjamenti tal-Laurent kemm ukoll minn dawk ta' Ricci. Il-Laurent jghid illi jista' jidher stramb illi l-mandant ghandu jkun responsabbli ghall-ommissjoni tal-mandatarju, ghaliex il-mandant ma tax certament il-poter lill-mandatarju li jonqos minn xi dover tieghu, u ghaliex in-nuqqas tal-mandatarju jikkostitwixxi ezorbitazzjoni mill-limiti tal-mandat. Imma dak l-awtur jispjega illi meta hemm fin-nofs l-interess tat-terz, allura jekk saret ommissjoni mill-parti tal-mandatarju, ma ghandux jigi danneggjat it-terz, imma l-mandant, li ta l-fiducja tieghu lill-mandatarju. Hekk f'dana il-kaz, jekk l-ommissjoni tad-difensur tat lok ghall-kontumacja allura t-terz (fil-kaz l-attrici) ma ghandux jsofri hsara fis-sens li jitlef il-vantaggi talvolta derivanti mill-kontumacja tal-konvenut billi jinghad illi l-ommissjoni tal-mandatarju ma ghandhiex tkun ta' dannu lill-mandant.......Illi per konsegwenza l-ommissjoni ta' l-avukat Dottor........ghandha tigi rigwardata daqs kieku kienet ommissjoni ta' l-istess konvenuta*.";

**(c)** **Teresa Zammit pro et noe v. Ganni Zammit pro et noe** (Prim'Awla, 10 ta' Ottubru, 1950) fejn gie asserit illi, "*ghal dak li jirrigwrada kwistjonijiet legali u procedurali, kwalunkwe haga li l-avukat jaghmel, anki b'konjizzjoni jew impressjoni erronea, hu responsabbli ghaliha l-klijent tieghu*.";

**(d)** **Carmelo Agius Fernandez v. Dr. Filippo Nicolo' Buttigieg** (Prim'Awla, 13 ta' April, 1953; riportata f'*Kollez*. Vol. XXXVII-II-683): "*ir-relazzjonijiet ta' avukat u l-klijent jirrivestu n-natura tal-mandat*.";

**(e)** **Victor Tonna pro et noe v. Dr. Joseph Brincat** (Appell Civili, 31 ta' Jannar, 1994; riportata f'*Kollez*. Vol. LXXVIII-II-18): "*ir-relazzjoni bejn avukat jew prokuratur legali u l-klijent hija essenzjalment ibbazata fuq il-mandat*.";

**(f)** **Perit Alexander Bezzina et v. Joseph Mizzi noe** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru, 2003): "*Ir-relazzjoni ta' klijent ma' professjonist tixbah aktar dik ta' mandat u, fil-fatt, il-Qrati taghna, per ezempju, dejjem qiesu l-avukat bhala l-mandant tal-klijent u mhux xi forma ta' kuntrattur tieghu! Perit, tabib u avukat mhux xoghol jaghtu, izda servizz, tant hu hekk li l-professjonist mhux obbligat li jgib fit-tmiem dak li jitlob minnu l-klijent, izda li jaghti l-ahjar hila tieghu biex iwassal il-klijent ghat-tmiem mixtieq*.";

**(g)** **Georgia Enterprises Ltd v. Dottor Remigio Zammit Pace** (Prim'Awla, 10 ta' Novembru, 2004): "*ir-rapport professjonali jippostula l-konferiment ta' inkarigu relattiv. Inkarigu dan li jattiva ruhu permezz ta' manifestazzjoni ta' kunsens, u ghalhekk ir-rikjesta ta' prestazzjoni da parti tal-klijent-kommittent tikkostitwixxi talba ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess prestazzjoni, hekk, indubbjament, wahda di fare. Dan ir-rapport huwa ghalhekk inerenti ghall-istitut tal-mandat* […] *Li jfisser li l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu li jkun ircieva*.";

**(h)** **Carmelo Farrugia v. Grezzju Farrugia et** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005) inghad li, "*Huwa pacifiku illi l-avukat huwa, fis-sens ta' l-Artikolu 1862, Kodici Civili, mandatarju tal-klijent tieghu b'mandat specjali ghall-finijiet tal-kawza. Ara Vol. X pagna 301 u Vol. XIX P I p 129*.";

**(i)** **Maureen Scicluna v. Dr. Anthony P. Farrugia** (Appell Inferjuri, 6 ta' April, 2005): "*hi gurisprudenza pacifika illi rrapport li jghaddi bejn klijent u l-avukat jew il-prokuratur legali li jqabbad ghall-affarijiet tieghu gudizzjarji huwa dak ta' mandat* […] *Jitnissel minn dan illi l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika filmandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghallezekuzzjoni ta' l-inkarigu li jkun irceva*."

Apparti tali elenku, wiehed hu mistieden jara d-decizjonijiet *in re* **Neg. Antonio G. Agius v. Samuel Lebet Hazan** (Appell Civili, 28 ta' Novembru, 1883; riportata f'*Kollez*. Vol. X-301); **Manduca v. Galea** (Appell Civili, 4 ta' April, 1872; riportata f'*Kollez*. Vol. VI-161); u **Konkors tal-Kredituri tal-vapur Decimus** (Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Marzu, 1873; riportata f'*Kollez*. Vol. VI-486). Imbaghad, aktar qrib ghaz-zminijiet taghna, wiehed ghandu jara d-decizjonijiet *in re* **Leo Micallef et v. Av. Dr. Kris Busietta** (Prim'Awla, 11 ta' Marzu, 2014) u *in re* **Maria sive Maryanne Spiteri v. Dr. Edward Gatt** (Prim'Awla, 10 ta' Mejju, 2017) li wkoll trattaw il-materja tar-rapport bejn avukat u klijent fl-isfond ta' l-istitut tal-mandat.

Minn ricerka ulterjuri, jidher li f'certi okkazzjonijiet rari, il-Qrati lokali sostnew ukoll il-perspettiva li l-imsemmi rapport, ossia bejn avukat u l-klijent, ma jistax jigi klassifikat, *sic et simpliciter*, fil-branka tar-relazzjoni bejn mandant u mandatarju b'mod generiku,

izda tali mandat jassumi vesti partikolari u specjali. It-Tribunal jirreferi ghas-segwenti:

**(a)** **Caterina Zammit v. Giuseppe Zammit** (Prim'Awla, 14 ta' Frar, 1935; riportata f'*Kollez*. Vol. XXIX-II-328): "*Il-mandat ghandu jigi mizmum strettament fil-limitu tieghu stess, u ghal kwalunkwe haga illi tohrog mill-inkarigu limitat illi jsiru proceduri ghall-oggett specjali, l-avukat ghandu bzonn ta' inkarigu iehor specjali tal-klijent*.";

**(b)** **Romeo Fleri v. Nutar Francis Xavier Dingli** (Appell Civili, 17 ta' Mejju, 1963; riportata f'*Kollez*. Vol. XLVII-I-277): "*L-avukat ghandu jitqies li hu mandatarju tal-klient tieghu ghall-attijiet tal-kawza; pero l-Avukat ma jistghax jiftiehem jew jintrabat ghalih biex jittransigi minghajr mandat espress u specjali tal-klijent*.";

**(c)** **Edwin Bartolo et v. Giovanni Bondin** (Prim'Awla, 15 ta' jannar, 1955; riportata f'*Kollez*. Vol. XXXIX-II-513): "*Hu veru li l-avukat huwa l-mandatarju tal-parti li jidher ghaliha fil-kawza; imma hu veru wkoll li l-avukat ma jistax jittransigi l-kawza minghajr ma jkollu l-mandat , mhux biss espress, imma wkoll specjali, tal-parti. U ghalhekk il-parti mhix vinkolata minn ftehim talvolta maghmul mid-difensur taghha li ma kellux dak il-mandat specjali.*";

**(d)** Fl-istess sens tat-tlett decizjonijiet *supra*, ara wkoll *in re* **Gaetano Abdilla v. Avukat Dottor Joseph F. Cassar Galea, LL.D., M.L.A.** (Appell Civili, 17 ta' Marzu, 1967; riportata f'*Kollez*. Vol. LI-I-178); u **Maria Debono et v. Filippo Debono et** (Appell Civili, 15 ta' Jannar, 1965; riportata f'*Kollez*. Vol. LXIX-I-120).

Addizzjonalment, decizjonijiet lokali ohrajn - li huma f'inferjorità numerika - sostnew in-natura innominata *sui generis* tar-rapport li jghaddi bejn avukat u klijent. F'dan is-sens, issir referenza ghad-decizjonijiet li gejjin:

**(a)** **Avukat Dr. Alfredo Mercieca et v. Francesco Bonaci et pro et noe** (Appell Civili, 25 ta' April, 1938; riportata f'*Kollez*. Vol. XXX-I-625) li fiha inghad illi l-obbligu assunt mill-avukat minghand il-klijent tieghu huwa "*assolutament sui generis*" u dan b'citazzjoni minn sentenza tat-Tribunal ta' Ruma li sostniet tghid hekk: "*l'esercizio dell'avvocatura non è mandato ne una locazione d'opera, benchè sia a questa che a quella che si avvicini; esso è un ufficio inestimabile*." Il-Qorti sostniet hekk: "*L-avukat ladarba ghandu jkollu l-inkarigu minghand il-klijent biex jiddefendih f'kawza civili jew kummercjali, ghandu skond il-ligi jesplika l-attivitá professjonali tieghu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici, skond it-taghlim tad-dottrina, skond il-kuxjenza tieghu, u ma jistax ikun kunsidrat bhala dipendent fl-esplikazzjoni ta' din l-attivitá mill-klijent tieghu, ghaliex huwa fl-*

*istess zmien ikun qieghed jidher bhala funzjonarju pubbliku quddiem il-Qrati, u huwa regolat u dixxiplinat minn certi regoli specjali.*";

**(b)** **Spiridione Zammint v. Avv. Dr. Antonio Caruana** (Appell Civili, 4 ta' Dicembru, 1957; riportata f'*Kollez*. Vol. XLI-I-572) fejn inghad, *inter alia*, li, "*Gie minn din il-Qorti ritenut (Vol. XXX-I-625) li l-inkarigu li jassumi l-avukat biex jippatrocina lill-klijent huwa inkarigu ghal kollox 'sui generis', li javvicina lill-lokazzjoni d'opera u lill-mandat.*"

Il-materja giet ricerkata ulterjorment minn dan it-Tribunal. Tali ricerka sehhet qalb id-duttrina estera hekk kif ser jintwera aktar 'l isfel.[6] Minn tali ricerka rrizulta li t-tezi prevalenti, kemm dik dottrinali passata u kif ukoll dik aktar moderna, issostni li r-rapport bejn avukat u klijent jippartecipa, primarjament, minn fuzjoni taz-zewg istituti guridici ta' *locatio operis* u ta' *mandatum*, u mhux solament, jew esklussivament, minn xi wiehed minnhom ad eskluzjoni ta' l-iehor.

Prevalentement, il-prestazzjoni li ghaliha hu tenut l-avukat, fuq l-iskorta ta' l-inkarigu preciz konferit lilu mill-klijent, tikkostitwixxi espressjoni ta' kuntratt ta' *locatio operis*,

[6] Inhasset il-htiega li t-Tribunal - kemm hawnhekk u kemm f'partijiet ohra ta' din id-decizjoni - jdur lejn id-duttrina legali u decizjonijiet esteri proprju ghaliex fin-nuqqas ta' illuminazzjoni mill-legislazzjoni jew mill-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali esteru. Dan ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et v. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubblikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle ed** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez*. Vol.XII(B), p.365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez*. Vol.VIII(D), p.710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez*. Vol.XXIX(A)-I-43 a p.47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*". Tali osservazzjonijiet tal-Qrati taghna jista' jkun sehhew minhabba fatt ferm interessanti li mat-trapass taz-zmien, forsi, qed jintesa. Il-*Codice Municipale di Malta*, komunement maghruf bhala l-*Code de Rohan*, promulgat fl-1784 mill-Gran Mastru de Rohan-Polduc, qatt ma gie legislittivament abbrogat bl-introduzzjoni ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, ossia l-Kodici Civili li illum jinsab katalogat fil-Kapitolu 16 tal-Legislazzjonijiet domestici (*vide* **Fortunata Azzopardi v. Capt. Salvatore Azzopardi**, Appell Civili, 11 ta' Gunju, 1875 - Decisione N° 346 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)-421; **Gentiluomo Filippo Zammit v. Michelina Pisani Demajo**, Appell Civili, 7 ta' Mejju, 1875 - Decisione N° 334 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)-401 u l-istudju intitolat "Maltese Legal History Under British Rule (1801-1836)" ta' l-**ONOR. IMHALLEF HUGH W. HARDING** [Malta, 1980; p. 2 *et seqq*.]), jikkontjeni disposizzjoni ferm singolari. L-Artikolu XXXVII tal-*Codice Municipale di Malta* [disposizzjoni li hi misjuba taht Libro Primo «DE' TRIBUNALI COMPETENTI, MAGISTRATI, ED ALTRI OFFICIALI, E DE' PUBLICI OFFICJ», Capo Ottavo (VIII) intitolat «DEL TRIBUNALE COLLEGIATO E DELLA SUA EREZIONE E COMPETENZA»] jghid li l-gudikant ma jistax "*servirsi di veruna potestà arbitraria, quante volte non sarà regolata da quello che si dispone dalle leggi municipali, ed in loro difetto dalle leggi comuni, e ne'casi controversi e dubbi dalle **opinioni abbracciate ne' Supremi e piú accreditati tribunali**.*" [enfazi mizjuda minn dan it-Tribunal]. L-ispirtu ta' l-Artikolu XXXVII jassomilja, xi ftit jew wisq, lill-Artikolu 12 fil-Kodici Civili Taljan (parti intitolata «DISPOSIZIONI SULLA LEGGE IN GENERALE», Art. 12, 2° comma), li jghid hekk: "*Se una controversia non può essere decisa con una precisa disposizione, si ha riguardo alle disposizioni che regolano casi simili o materie analoghe; se il caso rimane ancora dubbio, si decide secondo i princìpi generali dell'ordinamento giuridico dello Stato*.". F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara **BIAGIO ANDÒ**, "The Mélange of Innovation & Tradition in Maltese Law: The Essence of the Maltese Mix?" 2012; Vol. 15, N° 3 - disponibbli ukoll fuq il-*web*: http://www.saflii.org/za/journals/PER/2012/36.pdf).

ossia ta' lokazzjoni ta' prestazzjoni t'opra intelletwali da parti tal-professjonist lill-istess klijent. F'tali cirkostanzi, allura jinsorgi l-legam skond dak previst fl-Art. 1633 tal-Kodici Civili li jghid: "*Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal*." Hawnhekk il-klijent qed jinqeda mill-professjonist u s-servizz moghti jservi ta' gwida dwar il-jeddijiet li l-klijent jixtieq jivvinta jew jippersegwi.

Izda kif rajna aktar kmieni, l-inkarigu ta' l-avukat jaf ikun aktar estiz u wiesa', ossia mhux is-semplici ghoti ta' parir. L-inkarigu moghti mill-klijent lill-avukat jaf ikun sabiex dan ta' l-ahhar jirrapprezenta l-interessi ta' dak ta' l-ewwel f'xi procediment gudizzjarju, fejn il-klijent ikun irid iwassal lehnu *qua* attur jew bhala mharrek. F'tali xenarju, l-irwol ta' l-avukat mhux biss li jaghti parir lill-klijent tieghu dwar il-kwistjoni, izda iservi wkoll ta' organu ta' trasmissjoni bejn il-klijent fuq naha u l-awtorità gudizzjarja fuq in-naha l-ohra. Hawnhekk tispikka n-natura tal-mandat fir-relazzjoni avukat-klijent. Fl-ispecifiku tali mandat jista' jinghad li huwa wiehed *ad litem*.

Fiz-zewg xenarji fuq deskritti, hemm dejjem minsug l-irwol semi-pubbliku li jirrivesti l-professjonist forensi postulat fis-sentenza *in re* **Avv. Alfredo Mercieca et v. Francesco Bonaci et pro et noe** fuq citata u f'dik *in re* **Giovanni Mangion et v. Avukat Professur Giulio Cortis** (Prim'Awla, 26 ta' April, 1939). Fl-ahhar citata decizjoni inghad, *inter alia*, li l-irwol ta' avukat "*ghandu kwalità semi-pubblika, u jigi munit mill-Istat b'funzjonijiet specjali u ta' delikatezza kbira fl-amministrazzjoni tal-gustizzja*."[7] Minn dan jiddixxendi obbligu, ossia dak ta' korrettezza, ta' bona fidi u ta' fiducja.

Ghandu jkun logiku illi bhal kull forma ta' rapport guridiku iehor, sotratt bazilari fil-legam bejn klijent u avukat, hija l-fiducja, intiza bhala estensjoni naturali tal-kuncetti ta' korrettezza socjali u ta' dik il-bona fidi pervadenti kull negozju guridiku hekk kif sancit fl-Art. 993 tal-Kodici Civili.[8] Dan hu pilastru fundamentali fir-relazzjoni li tghaddi bejn l-imsemmija zewg figuri. Il-fiducja tfisser lealtà reciproka u kjarezza fil-komportament ta' entrambi li zzommhom f'ekwilibriju reciporku: fl-aspett purament ta' *locatio operis*, il-klijent huwa dak li jistipula l-kuntatt, ossia vinkolu, ta' prestazzjoni t'opra ma' l-avukat filwaqt li f'dak ta' mandat, il-parti assistita hi dik li tirrilaxxa l-inkarigu lill-avukat biex dan tal-ahhar jirraprezenta l-interessi taghha. Obbligu tal-avukat - implicitu fiz-zewg istituti u derivanti mill-kodici t'etika li jirregolawh - huma dawk, *inter alia*, ta' prestazzjoni adegwata skond l-ahjar hila ta' l-avukat u l-obbligu t'informazzjoni dwar in-natura tal-kwistjoni fattwali u/jew guridika; dwar l-andament

---

[7] Fl-istess termini jesprimi ruhu l-awtur **MARCELLO ADRIANO MAZZOLA** ("Responsabilità Processuale", UTET, 2013; p. 703) fejn jghid li, "*la funzione dell'avvocato, svolgente una professione sui generis di rilievo costituzionale e particolarmente delicata, occupandosi della tutela dei diritti*."

[8] Dwar il-kuncetti ta' bona fidi u korrettezza f'kontrattazzjoni ara *in re* **Charles Seisun v. Joseph Vancell et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 2 ta' Lulju, 2018) u *in re* **Impel Communications Company Limited v. Gerard Attard et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Ottubru, 2018).

tal-procediment; dwar inizjattivi u/jew mansjonijiet li ghandhom jittiehdu; dwar il-kompiment jew l-ezekuzzjoni, skond l-ahjar abilità tieghu, ta' atti partikolari sabiex jigu evitati sitwazzjonijet negattivi jew avversi, *et cetera*.

Premess dan kollu minn ottika purament teoretika, l-esperjenza ta' kuljum tghallem illi l-ezatti natura tar-rapport bejn klijent u avukat huwa ferm aktar kumpless u allura l-linja ta' demarkazzjoni tant semplici mill-perspettiva ta' teorija, tisfuma fix-xejn meta rigwardata minn lenti pragmatika jew aktar realistika (u l-kaz odjern hu ezempju car ta' dan). Ghalhekk, ikun aktar opportun - hekk kif tikkontendi d-duttrina maggoritarja moderna f'dan ir-rigward - li wiehed jghid illi r-relazzjoni bejn avukat u klijent tippartecipa prevalentement u fl-istess hin kemm mill-istitut ta' *locatio operis* ta' servizzi intelletwali u kif ukoll minn dak tal-mandat, entrambi vinkoli kuntrattwali.

Ghalhekk, f'tali kuntest u kif ukoll espress f'certi gudikati Maltin *supra*, ghandna nitkellmu dwar legam mist, fejn l-imsemmija istituti guridici jikkoezistu f'rapport wiehed unitarju: "*lo svolgimento dell'attività di rappresentanza del cliente comporta l'instaurazione di una relazione tra questi e l'avvocato nella quale si intrecciano indissolubilmente gli elementi del mandato e quelli della prestazjone d'opera professionale*." (*cfr*. **GAVELLO A.**, **PISELLI D.**, **SCUTO S.**, "La Responsabilità dell'Avocato", Il Sole 24 ore, Milano, 2003; p.6).[9] F'dan l-istess sens wiehed hu mistieden jara wkoll **BALDASSARRI A.** u **BALDASSARI S.**, "La Responsibilità Civile Del Professionista", Vol: II, Giuffe ed., 2006; pp.958-960. Ara wkoll id-diskussjoni ferm interessanti propagata mill-awtur **GIOVANNI CATTANEO** fl-opra tieghu intitolata "La Responsabilità Del Professionista" (Giuffrè ed., 1958) fil-kapitolu "Il-rapporto tra professionista e cliente" (pp. 21-44) fejn jitkellem dwar l-elementi misti fir-rapport bejn klijent u avukat kif appena spjegat (fejn, ulterjorment, jesplora figuri guridici ohra li jattaljaw ma' tali relazzjoni bhal per ezempju, in-"negotorium gestio" u l-"lavoro subordinato").[10]

Ferma tali introduzzjoni, wiehed jghaddi ghall-fattezzi tal-kaz in ezami.

Ghal dak li jirrigwarda l-kwezit jekk il-procedura segwita mill-attur b'dawn il-proceduri gudizzjarji hijiex idoneja jew le, it-Tribunal ma jezitax jghid illi l-attur ipproceda tajjeb.

---

[9] Tezi din li hija mhaddna ukoll fl-opra kompilata mill-gurist **PAOLO CENDON** intitolata "La Colpa Nella Responsabilità Civile" (UTET Giuridica, ed. 2006; §14.4, p.495).

[10] Wiehed jirreferi wkoll ghall-awtur **MARCELLO ADRIANO MAZZOLA** li jikklassifika r-rapport bejn avukat u klijent bhala rapport kumpless u mist, ossia legam li jikkomprendi l-prestazzjoni t'opra intellettwali minn dak ta' l-ewwel lil dan ta' l-ahhar fejn il-karatteristika hija "*l'uso di una particolare tecnica e il cui contenuto è intelletuale*" u l-konferiment ta' mandat minn dan ta' l-ahhar lil dak ta' l-ewwel (li ma jaghmilux, izda, impjegat jew dipendenti tal-klijent peress li l-avukat jibqa' dejjem munit b'certa diskrezzjonalità u "*libero di scegliere i modi di attuazione dell'incarico più consoni alle esigenze del cliente*"). Minn tali qaghda, jitnissel dak li dan l-awtur isejjahlu bhala «contratto di clientela», ossia "*come mandato professionale conferito ad un avvocato libero professionista, non vincolato da rapport d'impiego ed iscritto nell'albo professionale*." (*ibid*., pp. 704-705).

Hawnhekk ghandna l-klassika sitwazzjoni bejn kreditur u debitur fejn dak ta' l-ewwel ifittex lil dan ta' l-ahhar biex kreditu pendenti jigi saldat. Jekk dan ma jsehhx volontarjament, il-kreditur ghandu kull dritt li jirrikorri quddiem l-awtorità gudizzjarja sabiex il-kreditu jigi mitlub mid-debitur tieghu.

Fil-kaz ta' avukat, jekk dan ghandux jirrikorri quddiem l-awtorità gudizzjarja jew le biex jithallas tas-servizzi tieghu, dan jiddependi, generalment, mill-origini jew min-natura tad-drittijiet professjonali li jintalbu li jigu saldati. Jekk tali drittijiet johorgu minn taxxa ufficjali mahruga mir-Registratur tal-Qrati in konessjoni ma' xi procedura gudizzjarja (kawza, ittra ufficjali, mandat kawtelatorju jew ezekuttiv, cedola *et smilia*), dak jikkostitwixxi titolu ezekuttiv in virtù ta' l-Art. 253(c) tal-Kodici ta' Procedura Civili li jannoverahom bhala tali. Imbaghad l-ezigibilità taghhom tista' ssehh tramite l-modalità procedurali kontemplata fl-Art. 256(2) ta' l-istess kodici. Jekk l-origini ta' tali dritt hija extra-gudizzjali, hemm dak previst fid-diversi sub-incizi ta' l-Art. 556 tal-Kodici ta' Procedura Civili, ossija li titressaq nota lir-registratur fejn issir talba "*sabiex jiġu ntaxxati d-drittijiet ... li turi x-xogħlijiet li għalihom tintalab it-taxxa*" biex il-prestazzjonijiet professjonali extra-gudizzjarji jigu intaxxati, ossia monetarjament kwantifikati u ridotti f'taxxa ufficjali li talvolta tiklassifika ruhha taht l-Art. 253(c) imsemmi fuq. Normalment, tali talba ssir lir-registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja).

Din l-ahhar procedura hija wahda fakultattiva u allura dak l-avukat li jippretendi hlas ghas-servizzi extra-gudizzjarji jista' jipprocedi diversament bl-intavolar ta' kawza quddiem l-awtorità gudizzjarja kompetenti skond il-valur pekunjarju tas-servizzi domandati. Kif inhu naturalment mistenni, jekk jintghazel dan l-ahhar perkors dak li jressaq l-istess ghandu jissostanza, *inter alia*, il-*quantum* domandat peress li f'tali talba ghal kumpens ghandu "*jigi determinat in bazi ghat-tariffi professjonali jew skond l-uzu, jekk skond stima jew mill-gudikant skond ic-cirkustanzi partikulari tal-kaz.*" (**Avukat Joseph Sammut v. Goliath Developments Limited**, Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007), mentri fil-procedura skond l-imsemmi Art. 556 il-kwantifikazzjoni relattiva ssehh mir-registratur (skond u dipendenti mill-informazzjoni li tinghatalu fin-nota).

F'dan il-kaz, l-attur jikkontendi li presta diversi servizzi professjonali ta' natura extra-gudizzjali[11] u ressaq il-prezenti kawza biex jithallas taghhom. F'dan kollu t-Tribunal ma jarax li l-istanza attrici hija wahda mhux ritwali jew mhux idonea kif kwerelat mill-konvenuti. Anzi, hi fil-komuni esperjenza forensi li huma diversi l-kawzi quddiem il-Qrati taghna li jaraw professjonist idur kontra l-klijent (jew dak li qabel kien il-klijent) sabiex jithallas ghal servizzi professjonali precedentement rezi. F'dan is-sens,

[11] *vide* elenku relattiv misjub f'para. 11 ta' l-affidavit ta' l-attur *a fol*. 18.

hemm kawzi mressqa minn periti arkitetti[12], minn dentisti[13], minn psikjatri[14], minn nutara[15], minn avukati[16] u minn persuni li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra bhal per ezempju xoghol ta' editur ta' programmi televizivi[17] u Advertising Agent[18]. Inoltre - u hekk kif ser jigi diskuss aktar 'l isfel - l-attur *de quo* ma setax sempliciment jottjenti taxxa ufficjali skond l-Art. 556 ghax l-impediment, fil-fehma tieghu, kien dwar l-ezekuzzjoni jew ezigibilità taghha, ossia kontra min ser idur biex jezegwixxi tali taxxa u jirriskwoti d-dritt relattiv.

Ghalhekk, it-Tribunal jemmen li l-azzjoni attrici ma tiddifettax ghal dik li hi ritwalità taghha u giet imressqa tajba u fid-dawl ta' hekk it-tielet eccezzjoni mhux meritevoli t'akkoljiment.

Indirizzat dan l-aspett tal-vertenza, nghaddu issa ghal dak li jikkoncerna l-kwezit l-iehor, dak ta' min ghandu jigi ritenut, jew kunsidrat, il-klijent ta' l-attur avukat. Dwar l-odjern aspett, it-Tribunal ghandu dan x'josserva.

Kif fakoltizzat jaghmel[19], it-Tribunal ikkonsulta u ezamina l-atti processwali tal-kaz fl-ismijiet «Maria Rosaria Borg et v. Maria Concetta Barnett et» [rikors numru 96/2010/GG], liema proceduri huma, wiehed jista' jghid, il-*fons et origo* tal-prezenti litigju.

Mill-istess jirrizulta illi l-attur tal-lum kien jassisti lil John Bonello, missier il-konvenuti, f'dak il-kaz. L-imsemmi John Bonello kien parti mharrka fi proceduri mibdija mis-sidien ta' fond (i.e., 111, Triq il-Vitorja, Senglea, imsemmi fl-att promotur tal-prezenti kawza) li fittxew ghar-ripreza tieghu. Is-sidien kienu allegaw li l-istess konvenut John Bonello ma kienx jikkwalifika bhala 'kerrej' skond il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u li, ghaldaqstant, kien qieghed jokkupa parti mill-fond minghajr titolu validu.

---

[12] Fost diversi ara *in re* **Perit Edgar Rossignaud v. B. F. Limited** (Prim'Awla, 27 ta' Gunju, 2013), *in re* **A.I.C. Marvin Ellul v. Francis sive Frans Spiteri** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 18 ta' Mejju, 2017), *in re* **Torpiano Prof Alex Torpiano et noe v. Patrick Spiteri** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 1 ta' Marzu, 2018) u *in re* **A.I.C. Valerio Schembri pro et noe v. Direttur Generali Tas-Sahha** (Appell Superjuri, 28 ta' April, 2017).

[13] Ara *in re* **Tabib Justin Agius v. Hubert Pace Decesare et** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 16 ta' Frar, 2017).

[14] Ara *in re* **Dr. Mark Xuereb v. Dennis Tonna** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 29 ta' Settembru, 2016).

[15] Ara, fost ohrajn, *in re* **Nutar Vincenzo G. Gioioso v. Carmelo Pulis** (Apell Superjuri, 27 ta' Novembru, 1908), *in re* **Dr Remigio Zammit Pace v. Sunrise Park Hotels Ltd et** (Appell Inferjuri, 20 ta' Novembru, 2009) u *in re* **Nutar Dr Remigio Zammit Pace v. MDM Investments Ltd et** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 26 ta' Frar, 2014)

[16] Ara, fost ohrajn, *in re* **Avv. James D'Agostino v. Kenneth Cassar** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2018) u *in re* **Avukat Joseph Sammut v. Goliath Developments Limited** gja' citata.

[17] Ara *in re* **Peter Busuttil v. Public Broadcasting Sercices Ltd** (Appell Inferjuri, 28 ta' April, 2004) li rrimandat l-atti lura lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghad-decizjoni fil-mertu, li eventwalment iddecieda l-vertenza fit-28 ta' Settembru, 2007 favur l-attur.

[18] Ara *in re* **John R. Portelli v. C. Fino & Sons Limited** (Appell Superjuri, 7 ta' Ottubru, 1997; riportata f'*Kollez*. Vol. LXXXI-II-766).

[19] *vide* verbal tal-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2018 fejn hemm registrat, *inter alia*, hekk: "*Id-difensuri tal-partijiet jaqblu illi t-Tribunal jiehu ukoll konjizzjoni tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera numru 96/2010/GG illi huma jaghmlu referenza ghalihom fl-atti ta' dan il-procediment.*" (*a fol*. 71).

Konsegwentement, tali sidien kienu talbu l-izgumbrament. Minn dawk l-atti processwali ta' sfratt, jirrizulta li ulied il-konvenut John Bonello (konvenuti fil-kaz tal-lum), ghalkemm kienu xehedu fihom[20], huma kienu ukoll jidhru f'xi udjenzi.[21] L-ezitu tal-proceduri quddiem il-Bord kienu sfavorevoli ghal min ressaqhom. Sar appell minnhom fil-25 ta' Mejju, 2015 izda dan gie sussegwentement cedut mis-sidien appellanti li, b'nota datata 8 ta' Novembru, 2015[22], iddikjaraw in-nuqqas t'interess taghhom li jipprosegwu bil-proceduri ghar-ragunijiet hemmhekk infraskritti.

L-atti tal-kawza «Maria Rosaria Borg et v. Maria Concetta Barnet et» jitkellmu wehidhom, ossia li l-prezenti attur kien qed jidher, f'dik il-kwistjoni, ghan-nom u in rapprezentanza tal-mejjet John Bonello u ta' hadd izjed.

L-attendenza ta' uliedu, konvenuti fil-prezenti procediment, ghal xi seduti quddiem il-Bord ma kienx jaghmilhom, jew jibdilhom, fi klijenti ta' l-attur avukat. Il-mandat ta' l-attur f'dawk il-proceduri kien konferit minn missier l-odjerni konvenuti u wasal fi tmiemu mal-mewt tieghu hekk kif anke tirrikonoxxi in termini generali l-Ligi taht l-Art. 1886(1)(b) tal-Kodici Civili li jghid li l-mandat jispicca bil-mewt tal-mandant, salv dawk il-pendenzi, obbligi *et simlia* li jghaddu b'successjoni mill-mandant lis-successuri tieghu (dwar dan aktar 'l isfel f'din id-decizjoni).

Minn dawk l-atti m'hemm l-ebda konkluzjoni ohra ghajr dik li torbot lill-attur avukat mad-defunt John Bonello u ma' hadd aktar.

It-Tribunal, ghalhekk, dawwar harstu lura ghall-atti processwali tal-prezenti procediment u ghall-provi mressqa. Minnhom jirrizulta li l-attur avukat kien jikteb ghan-nom tal-klijent tieghu John Bonello u fl-interess tieghu biss.[23] L-attur ezibixxa wkoll xi provi dokumentarji ohra sabiex juri li ghalkemm mhux parti fil-kawza, l-prezenti konvenuti kienu jiehdu interess fil-kwistjoni daqs li kieku kienu tali.[24] Hemm

[20] Eric Bonello fl-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2013 (*a fol.* 137 ta' dawk l-atti) u Christopher Bonello fl-udjenza tas-6 ta' Frar, 2014 (a fol. 140 ta' dawk l-atti).

[21] Il-verbali relattivi ta' dak il-procediment ma jsemmux lill-prezenti konvenuti espressament izda hemm numru ta' verbali li jaghatu l-impressjoni li r-referenza ghal "deheru l-intimati" (fil-plural) hi referenza ghall-odjerni konvenuti jew xi wiehed minnhom li kien jakkompanja lill-missier intimat. Ara perezempju l-verbal ta' l-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2013 (*a fol.* 139 ta' dawk l-atti) u dak ta' l-udjenza tas-6 ta' Frar, 2014 (*a fol.* 142 ta' dawk l-atti).

[22] Ara *a foll.* 47-48 ta' dawk l-atti.

[23] *vide* ittra legali datata 23 ta' Settembru, 2009 ezebita *a fol.* 20 ta' l-atti (annessa ma' l-affidavit ta' l-attur).

[24] Fatt li l-istess isemmi fl-affidavit tieghu (ara para. 7 ta' l-affidavit tieghu *a fol.* 17). Inoltre, fit-trattazzjoni ta' l-gheluq, l-attur, *inter alia*, afferma illi, "*Imma fil-verità, apparti l-kwistjonijiet ta' eredi, apparti l-kwistjonijiet li huma l-werrieta, fil-verita' dawna il-prezenza taghhom kienet tmur oltre, kienet tmur oltre, u l-klijenti, il-kawza vera kienet tghajjat lil John Bonello bhala Konvenut, imma il-klijenti, in-nies li kienu jaghtu l-istruzzjonijiet li minn halqhom kienu johorgu istruzzjonijiet: ghamel hekk, ghamel hekk, ghamel hekk, jew taghmilx hekk kienu l-Konvenuti odjerni*" (*a fol.* 77) u li l-konvenuti "*ma kienux jigu ghandi b'xi rispett riverenzjali lejn missierhom biss bhal ma wiehed imur mal-genituri tieghu ghand it-tabib; dawn kellhom interess dirett, u tajjeb jew hazin, kif jikkonfermawha huma stess huma kienu l-kaptana ta' dina l-bicca tax-xoghol, u l-fatt biss illi taw dawk l-istruzzjonijiet minnhom infishom qieghdin jobbligaw tacitament galadarba*

ittra minghand l-attur lill-konvenut Eric Bonello permezz ta' liem bghatlu kopja ta' zewg ricevuti mahruga mir-Registru tal-Qorti dwar cedola ta' depozitu ta' kirja/kirjiet[25] u hemm ukoll serje ta' *emails* bejn l-istess attur u l-konvenut Eric Bonello. F'*email* minnhom, datata 21 ta' April, 2014, Eric Bonello ta l-ismijiet ta' tlett xhieda lill-attur avukat[26]; f'ohra tat-23 ta' Settembru, 2010 Eric Bonello ta lista ta' xhieda lill-attur avukat[27]; f'ohra datata 12 ta' Novembru, 2014 Eric Bonello informa lill-attur avukat li missieru "*was trying to get in touch with you regard* [recte: regarding] *the rent for this coming year*" u talbu jaghmlilhom appuntament ghall-gimgha ta' wara ghax missieru "*is concerned about a number of issues and would like to have a chat with you at the office*"[28]; f'ohra tat-23 ta' Frar, 2015 Eric Bonello bghat lill-attur avukat ghax "*My dad would like to set up an appointment ... You asked him to call and make an appointment at your office ... the last time you two met at the court if not mistaken* [was] *last November*"[29]; *email* ohra hi dik ta' l-20 ta' Mejju, 2015 fejn Eric Bonello staqsa jekk kienx gie intavolat appell mis-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera fejn qallu, *inter alia*, li, "*if there was no appeal from his side can we proceed forward to close my father's file....he will be visting your office next Wednesday*"[30]; *email* ohra datata 26 ta' Jannar, 2010 fejn Eric Bonello ghamel *forward* lill-attur avukat ta' xi korrispondenza elettronika skambjata bejn difensuri ohra involuti fil-proceduri ta' zgumbrament quddiem il-Bord Li Jrregola l-Kera[31]; u *email* datata 25 ta' Novembru, 2015 minghand Eric Bonello lill-attur avukat fejn staqsa dwar l-ezitu tal-proceduri fl-appell (mis-sentenza tal-Bord Li Jrregola l-Kera), jekk l-Qorti gietx infurmata li missieru gie nieqes u x'ser isehh mic-cwievet tal-fond ta' l-Isla.[32]

Minn tali evidenza, u mis-sens li johrog minnha, ghandu jirrizulta oggettivament car li ghalkemm il-komunikazzjonijiet kienu qed isehhu bejn l-attur u l-konvenut Eric Bonello dan ta' l-ahhar kien qed jagixxi bhala tramite bejn l-attur (l-avukat) u missieru (il-klijent).

Mill-assjem ta' kollox, jidher li kien John Bonello li kellu htiega t'assistenza waqt il-proceduri gudizzjarji ta' sfratt u kien l-istess John Bonello li kien jehtieg pariri dwar il-kwistjoni (bhal per ezempju, id-depozitu tal-kera relattiva[33]). Ulied John Bonello,

---

*huma marru ghand professjonista, ghand avukat u mhux ghand prokuratur ordinarju, hemmhekk huma qeghdin jobbligaw ruhhom sabiex jaghmlu tajjeb ghall-onorarju ta' dak li jkun.*" (*a fol.* 78).

[25] Ara *a fol.* 21 (annessa ma' l-affidavit ta' l-attur).

[26] Ara *a fol.* 22 (annessa ma' l-affidavit ta' l-attur). Dwar tali *email*, il-konvenut Eric Bonello sostna hekk in kontro-ezami: "*kont bghattli inti biex intik l-ismijiet tax-xhieda u tajtek l-ismijiet tax-xhieda. Kif ghidtlek, missieri ma kienx jaf jaqra' u jikteb u ma setax jibghathomlu hu.*" (*a fol.* 68).

[27] Ara *a foll.* 23-24 (annessa ma' l-affidavit ta' l-attur).

[28] Ara *a fol.* 25 (annessa ma' l-affidavit ta' l-attur).

[29] Ara *a fol.* 26 (annessa ma' l-affidavit ta' l-attur).

[30] Ara *a fol.* 27 (annessa ma' l-affidavit ta' l-attur). Ara *a fol.* 28 ghat-twegiba b'*email* ta' l-attur avukat.

[31] Ara *a foll.* 30-31 (annessa ma' l-affidavit ta' l-attur).

[32] Ara *a fol.* 38 (annessa ma' kopja legali ta' l-ittra ufficjali 166A li hi talvolta mehmuza ma' l-affidavit ta' l-attur).

[33] F'dan is-sens ara l-kopja tac-cedoli ta' depozitu ezebiti fl-atti processwali tal-kawza ta' zgumbrament (*a foll.* 128-134 ta' dawk l-atti ).

hawnhekk konvenuti, kienu sempliciment jakkumpanjawh u joqghodu mieghu waqt il-laqghat ma' l-attur avukat gewwa l-ufficju.[34] Dan ma kienx jaghmilhom il-klijenti diretti ta' l-attur avukat, izda semplici intermedjarji bejn l-istess avukat u l-klijent missierhom. Ghalhekk, huwa f'dan is-sens li wiehed ghandu jinterpreta l-fatt li l-konvenut Eric Bonello ghadda n-numru tac-cellulari tieghu lill-attur avukat u wkoll il-fatt li fl-*emails* l-istess konvenut kien jibghat l-ismijiet ta' xhieda jew jistaqsi dwar l-ezitu jew andament tal-proceduri ta' sfratt. Il-korrispondenza emessa mill-attur kienet ghan-nom ta' John Bonello, missier l-imharrkin, u l-*emails* fuq imsemmija kienu biss informattivi u minnhom huwa indikattiv li l-konvenut Eric Bonello kient qed jaghmilha ta' tramite bejn missieru u l-avukat u mhux bhala klijent dirett ta' l-attur.

Mhux l-ewwel darba li avukat prattikanti jersqu quddiemu klijent li jigi "assistit" jew akkompanjat minn xi familjari jew minn xi kollega jew xi habib.[35] Il-fatt li tigi diskussa kwistjoni jew li jinghata parir fil-prezenza ta' tali familjari, kollega jew habib ma jaghmilx lill-istess familjari, kollega jew habib direttament, jew b'xi mod, vinkolat *versu* l-avukat li forna l-konsulta jew il-parir u certament il-kumpens relattiv ghandu jintalab minghand ir-recipjenti dirett tal-parir jew tal-konsulta, ossia l-klijent veru u proprju li lilu jinghata. Jekk tinholoq sitwazzjoni fejn l-avukat ikun jemmen altrimenti jew jekk ikun hemm xi dubju ta' min hu sewwa sew il-klijent, f'tali cirkostanzi ikun idoneju u xieraq ghall-avukat li jiddiskuti tali kwistjoni mal-persuni li jkollu quddiemu sabiex jigu evitati malintizi jew ekwivoci. Tali kristallizzazzjoni isservi biex kull parti - l-avukat fuq naha u l-klijent fuq naha ohra - tkun taf ezattament bid-doveri u responsabbilitajiet reciproci.

Ghalhekk, it-Tribunal jifhem u jirrizultalu li l-klijent ta' l-attur ma kinux direttament il-konvenuti izda kien missierhom, il-mejjet John Bonello *qua* destinatarju tas-servizzi legali prestati mill-attur avukat.

Minn kif l-attur ikkonfezzjona l-premessi ta' l-istanza tieghu, jidher li dan hu fatt implicitament rikonoxxjut mill-attur stess. Li kieku l-attur avukat ikkunsidra lil John Bonello u lill-uliedu bhala lkoll klijenti tieghu f'din il-kwistjoni, hu seta' facilment

[34] Il-konvenuti jsostnu li missierhom ma kienx ta' skola. Infatti, il-konvenut Eric Bonello jghid hekk fil-kontro-ezami: "*Missieri kellu naqra problemi fisici wkoll, plus li hija kien qed jghid li filverita' kien illitterat, ma kienx jaf jaqra' u jikteb . Kellna naqra problema ta' biex jimxi 'l hemm u 'l hawn . Konna nwassluh ahna. Meta kont inkun qieghed Malta jiena kont ninzel millImtarfa biex nippikkjah u ntellghu l-ufficcju. Meta kont imsiefer kien jigi ghalih hija, iwasslu hija . Bilfors kelli nkun mieghu sabiex xi hadd jattendih, ma setax ikun wahdu*" (*a fol.* 66) u "*missieri kont ir-rapprezentant legali ta' missieri, u allura jiena, peress li missieri kellu din il-problema li qed nitkellmu fuqha, u kien jippanikkja wkoll, jigifieri dan anke wara l-Qorti, trid terga' toqghod tispjegalu x'gara u x' ma garax . Ovvjament, dwar kull komunikazzjoni tlabt li goes through me biex jiena mbaghad jiena nispjega naqra lil missieri bil-mossi x'ikun qed jigri.*" (*a fol.* 66). Dan gie kwazi koncess mill-attur meta fit-trattazzjoni qal li, "*Forsi kien bniedem irrizulta mill-provi li ma kienx jaf jaqra u jikteb, biss ma jfissirx li ma kienx bniedem li kapaci jiehu hsieb tal-affarijiet tieghu.*" (*a fol.* 76).

[35] Dan il-fatt gie accennat mid-difensur tal-konvenuti fit-trattazzjoni ta' l-gheluq fejn sostna li, "*Billi t-tfal kienu jmorru huma flok missierhom ghand l-avukat, ma jfissirx b'daqshekk qed inkarigawh huma l-avukat. L-ewwel darba li jigu klijenti ghandna? Tfal ta' klijent? Il-mara? Il-partner? Il-habib? Il-habiba? L-ewwel darba li jigu dawn in-nies? Ma jfissirx imma l-brief tawhieli dawn ta.*" (*a fol.* 79).

addotta l-procedura kontemplata fl-Art. 556 fuq imsemmi u darba ottenuta taxxa ufficjali dwar drittijiet extra-gudizzjali, jghaddi biex jibghata lill-odjerni konvenuti. Inoltre, jekk l-attur prefera li jaghzel it-triq ta' proceduri kontenzjuzi, hu seta' sejjah lill-istess konvenuti direttament biex *qua* ex-klijenti tieghu, jissaldaw l-onorarju minnu pretiz. Izda minn kif inhi mfassla l-azzjoni attrici jidher li, konxjament jew le, l-attur jirrikonoxxi l-fatt li l-konvenuti qed jigu msejha jissaldaw kont li qabel kien isejjah lill-ex-klijent tieghu (i.e., lill-mejjet John Bonello, missier il-konvenuti) izda minhabba li dan lahaq miet, qed idur kontra dawk li hu jemmen li huma s-successuri tad-dmijrijiet u/jew fl-obbligu tieghu. Dan il-fatt wahdu juri li l-attur kien u ghadu jikkunsidra lill-mejjet John Bonello bhala l-klijent tieghu.

Tant dan hu minnu li l-attur avukat jinvoka l-istitut ta' "atto d'erede" biex jiggustifika l-pretensjoni tieghu minghand il-konvenuti odjerni meta sar jaf li l-eredità ta' l-ex-klijent tieghu (i.e., ta' John Bonello) baqghet mhux accettata minn uliedu, ossia li patrimonju ma ghaddiex ghand uliedu u, allura, mhux amalgamat mal-patrimonju individwali taghhom. Bil-fatt li l-attur jittenta jinvoka n-nozzjon ta' "atto d'erede" l-istess qed jindika b'mod car, almenu f'ghajnejn dan it-Tribunal, li qed jipprova jiskavalka l-ostakolu tar-rinunzja tal-wirt liema rinunzja arrestat it-trapass ta' l-obbligi li kellu d-*decuius* ex-klijent tieghu fuq is-successibbli uliedu, hawn konvenuti.

B'mod sussidjarju, l-attur avukat jikkontendi inoltre li anke jekk ma jirrizultax xi ghemil klassifikabbli bhala "atto d'erede" fil-konvenuti, id-dikjarazzjoni ta' rinunzja ta' wirt taghhom m'ghandha tinghata l-ebda effikacja guridika u dan peress li l-istess ma gietx debitament registrata kif trid il-Ligi. Ghalhekk, skond l-attur avukat, monka u ineffikjaci tali dikjarazzjoni ta' rinunzja, il-patrimonju tal-mejjet ex klijent John Bonello jaqa f'hogor uliedu hawn konvenuti, immaterjali jekk wettqux atti ta' eredi *o meno*. Dan huwa argument iehor li, ghat-Tribunal, ikompli jissottolineja li l-attur avukat jaf sewwa min kien verament il-klijent tieghu u li qed jipprova joltrepassa impediment legali billi jinnewtralizza l-effetti tad-dikjarazzjoni biex il-kumpens relattiv, li kien obbligu tad-defunt John Bonello, jghaddi ghand is-successibbli tal-patrimonju tieghu, ossia ghand uliedu, l-odjerni konvenuti.

Issa, dwar l-allegazzjoni ta' "atto d'erede" (imsemmija specifikatament fil-premessi tat-talba attrici u mtennija fit-trattazzjoni orali ta' l-attur) u dwar l-invalidità tad-dikjarazzjoni maghmula b'att nutarili (ukoll menzjonata fit-trattazzjoni orali), dan it-Tribunal ghandu dawn iz-zewg rimarki x'jaghmel:

**1.** Dwar "atto d'erede": L-attur iressaq l-argument ta' l-ghemil tal-konvenuti, posterjuri ghad-decess ta' missierhom, permezz ta' liema, skond l-istess attur, huma ghandhom jigu klassifikati u kunsidrati bhala eredi u dan nonostante r-rinunzja ghas-successjoni tad-defunt missierhom b'att nutarili tad-9 ta' Novembru, 2015 li jikkontjeni dikjarazzjoni unilaterali f'tali sens. Fi kliem iehor, l-attur jadduci l-kwezit ta'

“atto d’erede” fil-konvenuti, ossia dak l-agir li juri l-volontà u l-intenzjoni ta’ l-accettazzjoni ta’ eredità li, apparantement u *prima facie*, tkun tidher bhala rinunzjata. L-ghemil allegat mill-attur fil-konvenuti huwa li dawn hallsu jew ippartecipaw fil-hlas tal-funeral ta’ missierhom u ghax wiehed minnhom kien staqsieh x’kienu ser jaghmlu bic-cwievet tal-fond li fih kien jirrisjedi missierhom bhala kerrej.[36]

Ghalhekk, jghid l-attur, b’dan l-ghemil u atteggjament, ir-rinunzja formali tal-konvenuti *qua* eredi ta’ missierhom m’ghandhiex tinghata piz jew valur u huma ghandhom jigu kunsidrati bhala l-legittimi eredi tieghu. Bhala tali, huma ghandhom jonoraw l-obbligi minnu intraprizi f’hajtu, fosthom l-indennizz tas-servizzi professjonali mertu tal-prezenti vicenda.

Bid-dovut rigward, dan it-Tribunal iqis tali materja bhala wahda li tezorbita mill-kompetenza tieghu. Dan proprju ghaliex l-attur irid lil dan it-Tribunal - li *ex lege* huwa mlibbes b’kompetenza ristretta - jevalwa, jixtarr u eventwalment jiddeciedi kwistjoni li, fis-sewwa, tmur ferm lil hinn mill-fakultajiet u poteri tieghu u jaddentra f’perkors tad-definizzjoni ta’ jeddijiet successorji.

Kif inhu risaput, il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal hi regolata skond id-dixxiplina normattiva fl-Art. 3 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta. Skond l-ewwel sub-inciz ta’ l-imsemmi Artikolu, “*Għandu jkun hemm Tribunal li jkun magħruf bħala t-Tribunal għal Talbiet Żgħar*” u l-istess, skond it-tieni sub-inciz, “*ikollu ġurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).*” Fil-hames sub-inciz hemm imbaghad precizat li, “*Kawżi li fihom jindaħlu kwistjonijiet dwar proprjetà ta’ beni immobbli, piżijiet jew jeddijiet oħra mgħaqqdin mal-immobbli, għad li t-talba ma tkunx tiskorri ħamest elef euro (€5,000), u kawżi ta’ żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli ma jidħlux fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal.*” Minn tali disposizzjonijiet johrog manifest li dan it-Tribunal ghandu setgha li jiehu konjizzjoni ta’ talbiet gudizzjarji li abbazi taghhom hemm kwistjonijiet prettament pekunjarji u l-istess ma jistax jiehu kont ta’ materji li l-qofol taghhom jindahlu kweziti ta’ jeddijiet reali. Kif asserit *in re* **Paul Zarb et v. Emanuel Ellul et** (Appell Inferjuri, 1 ta’ Novembru, 2006): “*Bi «proprjetà» fit-test ta’ dan l-artikolu wiehed necessarjament jifhem poter fuq ir-res u allura tali li jikkomprendi biss kwestjonijiet u kontestazzjonijiet koncernanti drittijiet reali fuq il-haga.*”

---

[36] F’dan is-sens it-Tribunal jirreferi ghat-trattazzjoni ta’ l-gheluq ta’ l-attur fejn qal li, “*il-kontro-ezami ta’ Chris Bonello, jitkellem dwar il-funeral u lejn l-ahhar ta’ fol. 64 hemm mistoqsijiet tieghi dwar il-hlas tal-funeral*” (*a fol.* 75) u “*xi hadd dahal id-dar, qalleb fl-affarijiet tal-mejjet, organizza funeral mal-kummissjonant ta’ Bormla, u haga normali ghax hafna drabi l-maggor parti tan-nies li jmutu fis-South jaghmlilhom il-funeral Michael Cutajar ta’ Bormla, u thallsu mill-ahwa, mill-Konvenuti Bonello, thallas il-kummissjonant minn dawn il-flus illi sabu fid-dar tal-mejjet.*” (*a fol.* 75) u “*Jigifieri huwa tal-biki li wara li jsiru dikjarazzjonijiet bhal dawn u wara li jsiru atti bhalma rrefera ghalihom Chris Bonello, hawnhekk importanti z-zewgt ahwa b’xi mod jew iehor gie ppruvat li ghamlu atti di erede, wiehed fejn imiss mal-funeral u l-iehor fejn imiss mac-cavetta tad-dar, huwa tal-biki li imbaghad jiguk hawnhekk u jghidulek le ahna mela ahna vergni ghax ahna ghandna r-rinunzja ghas-successjoni, li ironikament saret qabel dina l-email a fol.38 tal-process.*” (*a fol.* 76).

Fil-kaz odjern l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal biex jirriklassifika mill-gdid il-posizzjoni fattwali tal-konvenuti u konsegwentement jiddetermina l-jeddijiet taghhom f'dimensjoni guridika ohra, diversa minn dik postulata u prospetatta fl-att nutarili tad-9 ta' Novembru, 2015, permezz ta' liem huma kienu formalment iddikjaraw, bla ebda kwalifika, li kienu qed jirrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom.

Jekk dan ikun konsentit, ikun ifisser li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar - li ghandu setghat limitati kif deskritt aktar 'il fuq - ikun qed jiddetermina fuq min jaqa' l-patrimonju ta' persuna mejta u jiddefinixxi min huma l-legittimi eredi tad-*decuius* u, *ergo*, jlibbishom b'numru ta' jeddijiet, obbligi, dmirijiet u responsabbilitajiet (kemm reali, kemm personali u kif ukoll misti). Fi kliem iehor, dan it-Tribunal qed jigi mistieden u fomalment mitlub biex ilibbes lill-konvenuti bil-vesti ta' eredi u jattribwilhom id-doveri u r-responsabbilitajiet kollha derivanti minn tali qaghda. Kif jirrizulta manifest ghal dan it-Tribunal, dan mhux permissibbli u tali ezercizzju, *se mai*, ghandu jigi affrontat quddiem il-Qrati li ghandhom il-kompetenza idonea li jinvestu fil-materja tramite proceduri appoziti.

B'dan maghdud, it-Tribunal jhoss li ghandu jirradrizza l-perspettiva ta' l-attur ghal dak li jikkoncerna l-ghemejjel li hu jinterpreta u jidentifika bhala "atti d'erede" (dawn gew individwati aktar 'il fuq). Dan l-ezercizzju qed jitwettaq purament b'mod *obiter* u bla ebda pregudizzju ghal kwalsiasi interess u/jew jedd spettanti lill-attur avukat.

Mhux kull haga jew att li titwettaq mis-successibbli ghandu jigi interpretat bhala att ta' eredi. F'hafna mid-drabi, hija l-intenzjoni u l-volontà li jaghmluh "atto d'erede" u mhux l-ghemil fih innifsu. Apparti hekk, wiehed jrid dejjem jiehu kont tac-cirkostanzi li jsawwru l-kaz konkret. Addirittura, wiehed jrid jiddistingwi ghemil minn iehor peress li s-successibbli jaf iwettaq solament agir purament in konservazzjoni tal-patrimonju tad-defunt (i.e., il-wirt), mhux biex jassumi l-vesti ta' eredi izda bil-ghan t'amministrazzjoni temporaneja u in preservazzjoni ta' l-istess. B'ezemplari ta' dan it-Tribunal jirreferi ghas-segwenti taghlim:

- **Amadeo Mea et v. Albert Borg et** (Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952): "*Tirrikorri l-accettazzojni ta' eredità meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaccetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmel jekk mhux bhala werriet. Fost ir-rekwiziti mehtiega biex tirrikorri l-accettazzjoni tacita ta' l-eredità l-aqwa wiehed huwa l-intenzjoni; u mhux bizzejjed li l-att jirrivela din l-intenzjoni, imma l-att irid ikun tali li jimplika b'mod necessarju u inekwivokabili l-volontà f'min jaghmlu li jaccetta l-eredità; b'mod li l-att ma jkunx konciljabili ma' volontà u intenzjoni diversa, u bil-konsegwenza li l-atti ekwivoci jeskludu dina l-intenzjoni u volontà. Il-prova ta' dan l-att, u li dan l-att jammonta ghal accettazzjoni tal-wirt jekk huwa ma jkunx werriet. Jekk is-successibili jhallas dejn ta' l-eredità bi flus tal-wirt,*

*huwa jaghmel att li jammonta ghal accettazzjoni tal-wirt* […] *Min jiddisponi min oggett provenjenti mill-eredità ma jigix li accetta l-wirt jekk huwa ma jkunx werriet. Jekk is-successibili jhallas dejn ta' l-eredità bi flus tal-wirt, huwa jaghmel att li jammonta ghal accettazzjoni tal-wirt, salvi xi eccezzjonijiet; jekk dak id-dejn ihallsu bi flusu, l-att tieghu ma jammontax ghal accettazzjoni ta' l-eredità*.";

- **Giuseppa Scicluna v. Carmela Vella** (Prim'Awla, 14 ta' Mejju, 1957): "*Id-dispozizzjonijiet li wiehed jiehu ghall-funerali, u l-atti sempliciment konservativi jew ta' amminsitrazzjoni provvizorja, ma jimpurtawx accettazzjoni tal-wirt, jekk min jahgmilhom ma jkunx assuma l-kwalità ta' eredi (Vol. XXX-II-256).*";

- **Clementina Farrugia et v. Maddalena Farrugia et** (Appell Superjuri, 30 ta' April, 1962): "*Biex tirrikorri l-accettazzjoni tacita ta' eredità jehtieg li jkun hemm successibbli, li dan is-successibbli jkollu l-intenzjoni li jaccetta l-eredita', li hu jaghmel xi att li jista' jaghmlu biss bhala eredi, u li minn dan l-att tkun tidher necessarjament il-volontà tieghu li jaccetta l-eredita'. Liema att irid tkun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredità. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri tinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri. Il-fatt li s-successibbli jinterpella lis-successibbli l-ohrajn biex jiddikjaraw jekk humiex bil-hsieb li jaccettaw il-wirt, wahdu, ma hux prova tal-accettazzjoni tal-eredità da parti ta' mittenti ta' dik l-ittra ufficjali. Lanqas il-fatt li s-successibbli jaghmel id-denunzja tas-successjoni tal-mejjet, u fiha jikkwalifika ruhu bhala eredi skond il-ligi, wahdu, ma jammonta ghal accettazzjoni tal-eredità. Lanqas zbank ta' flus depozitati mhollijin mill-mejjet, biex jithallsu l-ispejjez tal-funeral tieghu u biex isirulu suffragi ghal ruhu, jew, fil-kaz li xi flus hekk depozitati jappartjenu lil terzi persuni, biex dawn ikunu jistghu jiehdu flushom, ma jfisser necessarjament accettazzjoni tal-eredità tal-mejjet li halla dawk il-flus hekk depozitati. Lanqas il-fatt illi s-successibbli jippruvaw jirrangaw xi pendenzi ma kredituri tal-mejjet ma jfisser din l-accettazzjoni, jekk huma ma jkunux hallsu bhala eredi xi flus biex issoddisfaw lil dawk il-kredituri. Lanqas il-bejgh jew donazzjoni ta' xi oggetti li halla l-mejjet ma jinducu ta' bilfors accettazzjoni tal-eredità tieghu, jekk ic-cirkustanzi li fihom ikunu saru dak il-bejgh u dik id-donazzjoni ma jkunux hekk univoci li jinducu dik l-accettazzjoni; b'dan, però, illi t-tenwità tal-valur tal-oggett li jigi mibjugh jew donat mhix rilevanti biex teskludi l-volontà tal-accettazzjoni. L-indulgenza tal-Qrati dwar rigali ta' valur zghir lil xi parenti bhala memorja tal-mejjet jew lis-sacerdot li jkun assista l-mejjet fl-ahhar granet ta' hajta ma hix tassattiva, b'mod illi dik l-indulgenza ghandha tigi eskluza jekk ma jikkonkorrux ic-cirkustanzi tal-parentela u l-intimità tad-donatarju mal-mejjet. Fl-ahharnett, ir-responsabbiltà tal-atti li jinducu accettazzjoni tal-eredità hija ndividwali, b'mod li dak li jaghmel wiehed mis-successibbli ma jippregudikax lis-successibbli l-ohrajn*.";

- "*la denuncia di successione, pur costituendo un atto preordinato a fini essenzialmente fiscali non comporta ex se l'accettazione tacita dell'eredità, [ma] può costituire un element indiziario liberamente valutabile ai fini indicati dal giudice di merito*" (*cass. civ*. nru. 11813 tal-1992 - *cfr*. **G. Cian** u **A. Trabucchi**, "Commentario Breve al Codice Civile", CEDAM 2007, p. 539) u "*La denuncia di successione ed il pagamento della relativa imposta, con riferimento al valore del patrimonio relitto dichiarato nella predetta denuncia, non comporta accettazione tacita della eredità, trattandosi di adempimenti fiscali che, in quanto diretti ad evitare l'applicazione di sanzioni, hanno solo scopo conservativo*" (*cass. civ*., nru. 5463 tal-1995; *ibid*.) u "*Ai fini della accettazione tacita dell'eredità sono privi di rilevanza tutti quegli atti che, attese la loro natura e finalità, non sono idonei ad esprimere in modo certo l'intenzione univoca di assunzione della qualità di erede, quali la denuncia di successione, il pagamento delle relative imposte, la richiesta di registrazione del testamento e la sua trascrizione. Infatti, trattandosi di adempimenti di prevalente contenuto fiscale caratterizzati da scopi conservativi, legittimamente può essere escluso dal giudice di merito, a cui compete il relativo accertamento, il proposito di accettare l'eredità*" (*cass. civ*., nru. 5275 tal-1986; *ibid*., p. 540). Dan jinsab rifless fis-sistema legali lokali fejn fil-hames sub-inciz ta' l-Art. 33 ta' l-'Att Dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti' (Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta) hemm preskritt li, "*Il-werrieta jew il-legatarji li ma jkunux bi ħsiebhom jew li ma jkunux għadhom iddikjaraw li bi ħsiebhom jaċċettaw il-wirt jew il-legat jistgħu madankollu jagħmlu d-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1)* [i.e., id-dikjarazzjoni b'att pubbliku - *causa mortis*], *iżda dik id-dikjarazzjoni ma għandhiex minnha nnifisha tkun prova li dak il-werriet jew legatarju jkun aċċetta l-wirt jew il-legat imħolli lilu.*"

Dawn is-senjalazzjonijiet jibbastaw biex *per se* jaghtu twegiba ghal dawk l-atti li l-attur jipprospetta bhala "atti d'erede" maghmula mill-konvenuti.

**2.** Dwar il-formalità ta' registrazzjoni tar-rinunzja: sfumatura ohra, jew aspett ulterjuri, ta' l-istess kwistjoni huwa l-argument ta' l-attur li jghid li l-att nutarili tad-9 ta' Novembru, 2015 (li permezz tieghu hemm dikjarata r-rinunzja tas-successjoni ta' missierhom) m'ghandu l-ebda valur u dan peress li ma giex pruvat li l-istess gie registrat kif tghid u trid il-Ligi. Ghalhekk, skond l-attur, la m'hemmx prova tar-registrazzjoni tad-dikjarazzjoni, ir-rinunzja relattiva m'ghandha l-ebda effikacja u li, allura, il-konvenuti ghandhom jigu kunsidrati bhala eredi tad-defunt missierhom.

Il-ligi tikkontempla zewg modi kif issehh rinunzja ghal successjoni. Dan hu stabbilit fit-tieni sub-inciz ta' l-Art. 860 tal-Kodici Civili li jghid hekk: "*Ir-rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku*." Ghalhekk, rinunzja tista' sehh jew tramite att gudizzjarju quddiem il-

qorti kompetenti jew permezz ta’ dikjarazzjoni f’kuntratt. Dwar din l-ahhar ipotezi, it-tielet sub-inciz jippreskrivi modalità addizzjonali, ossia li, “*Id-dikjarazzjoni tar-rinunzja msemmija f’dan l-artikolu m’għandhiex ikollha effett kwantu għall-partijiet terzi ħlief miż-żmien meta din tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2)*.” Tali iskrizzjoni jew registrazzjoni hi ai finijiet ta’ pubblicità di fronti ghal terzi persuni li jafu jkunu interessati. F’dan is-sens, il-Qarti ta’ Kassazzjoni Taljana (*cass. civ*. nru. 15393/2002) tghid illi, “*l’istituto della trascrizione* [cioè l-insinwa ta’ kuntratt] *é un mezzo legale di pubblicità, posto a tutela della circolazione dei beni immobili, volto a dirimere i conflitti rispetto ai terzi aventi causa*” (*cfr*. **G. CIAN** u **A. TRABUCCHI**, “Commentario Breve al Codice Civile”, CEDAM 2007, p. 3258). Ghalhekk il-valur tar-registrazzjoni hu biex tinghata pubblicità lid-dikjarazzjoni konfezzjonata fl-att nutarili bil-fini li jitharsu l-jeddijiet ta’ terzi persuni interessati biex jgharfu jirregolaw ruhhom. Izda tali registrazzjoni ma zzidx fil-valur intrinsiku ta’ l-istess att u lanqas in-nuqqas taghha ma tnezza’ l-att mill-forza guridika implicità tieghu, salv il-kazijiet specifici fejn il-Ligi tiddetta xort’ohra.

Fi kwalsiasi kaz, l-attur kellu kull opportunità li jittenta jattakka l-att nutarili *de quo* ghal dak li jikkoncerna l-awtenticità tieghu u jinficja r-registrazzjoni relattiva.[37] Dan seta’ jaghmlu fil-kors tal-kontro-ezamijiet li hu wettaq lill-konvenuti meta ressaq domandi abbazi ta’ l-affdavits taghhom, fejn f’dak tal-konvenut Christopher Bonello hemm referenza ghar-rinunzja tal-wirt (u li mieghu hemm mehmuza kopja tad-dikjarazzjoni relattiva). Jekk ma kienx konvint li giet segwita l-procedura idonea, seta’ staqsa lix-xhieda ghal informazzjoni ulterjuri in aggjunta ma’ dawk minnhom narrati u ezebiti. Dan seta’ jilqa’ ghalih anke in vista ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Seta’ anke ressaq talba biex jadduci kontro-provi wara li hu kien ghalaq il-provi tieghu sabiex jitwaddab dawl fuq dan l-aspett tal-kwistjoni. Madanakollu, l-attur baqa’ m’ghamel xejn minn dan u hu ghazel li jikkwerela dan il-fatt *in extremis* solament fit-trattazzjoni orali ta’ din il-kawza.

Ghalhekk, dan it-Tribunal ser jistrieh fuq zewg normattivi legali li da parti taghhom jaghtu valur lill-imsemmija dikjarazzjoni unilaterali tal-konvenuti. Normattiva wahda hi dik kontemplata fl-Art. 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta li jizvinkola lit-Tribunal milli jippretendi l-aqwa prova purkè ikun moralment konvint min-natura intrinsika taghha. In-normattiva l-ohra hija dik prevista fl-Art. 629(c) tal-Kodici ta’ Proceduri Civili li jghid li l-atti u r-registri tan-nutara pubblici ta’ Malta huma ammissibbli u jistghu jippruvaw dak li jkun fihom, dejjem sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, basta li tkun ippruvata l-awtenticità taghhom.

Fin-nuqqas ta’ prova cara u konkreta li tixhed altrimenti, dan it-Tribunal qed jikkunsidra l-att nutarili tad-9 ta’ Novembru, 2015 bhala in regola, kemm ghal dak li

[37] Ghalkemm fit-trattazzjoni ta’ l-gheluq l-attur jitratta b’mod alkwantu ekwivoku jekk hu jikkunsidrax tali rinunzja bhala proceduralment valida jew le ghax hu jikkunsidrah bhala fattur ‘sekondarju’ (ara *a fol*. 74).

jirrigwarda kontenut u kif ukoll ghal dak li jikkoncerna r-registrazzjoni tieghu. Wiehed naturalment jipprezumi u jistenna li att nutarili maghmul minn ufficjal pubbliku, bhal ma huwa Nutar Pubbliku, ikun munit b'validità u li kwalsiasi att ancillari jew dmir accessorju ghalih (bhal ma hi r-registrazzjoni ta' l-att), mieghu intrinsikament marbuta ai finijiet ta' effetti guridici, gew adempiti u segwiti mill-istess ufficjal pubbliku. Il-presunzjoni *iuris tantum*, ghalhekk, hija li tali att hu validu u jirrispetta l-voti kollha dettati fil-Ligi, sahansitra li l-istess gie validament registrat. Il-prova kuntrarja kienet spettanti lil min kien interessat jaghmilha (i.e., l-attur f'dan il-kaz). Jekk tali prova ma sehhitx, izda giet filtrata sempliciment bhala sottomissjoni fl-ahhar tal-procediment[38], wiehed jista' jghid biss "imputet sibi".[39]

Dwar l-allegat ftehim li l-attur jghid li kkonkluda mad-defunt John Bonello u uliedu l-konvenuti, fejn gie mifthiem li dawn ihallsuh l-ammont ta' elf erba' mija u sittax-il euro (€1,416),[40] l-attur jissenjala numru ta' decizjonijiet[41] li jghidu, fi ftit kliem, illi l-avukat m'ghandux jigi dubitat meta jghid u jikkontendi li gie nkarigat biex jippresta servizzi professjonali lil xi individwu u lanqas m'ghandu jigi diskuss il-kont tieghu, salv regoli espressi u normi *ad hoc* dwar it-tassazzjoni ta' drittijiet professjonali. Madanakollu, il-kweziti li johorgu minn tali decizjonijiet huma applikabbli ghal certu fatti li, fil-verità, ma jiffigurawx f'din il-vicenda processwali. F'din il-kawza, hadd ma qed jiddubita li l-attur ma forniex servizzi professjonali u hadd ma qed jallega li l-istess m'ghandux jigi remunerat taghhom. Dak li huwa l-fulkru tal-prezenti vicenda huwa li dak li kien fl-obbligu li jissalda l-kont mal-avukat gie nieqes u l-patrimonju tieghu m'ghadhiex - minhabba r-rinunzja - ghand is-successibbli tieghu. Allura, ir-resistenza ghall-pretiza attrici m'hijiex li l-attur avukat ma wettaqx xogholu jew li assolutament m'ghandux jithallas ghas-servizzi minnu rezi, izda sempliciment li xogholu wettqu ghal persuna li m'hijiex il-konvenuti u li l-hlas relattiv mhux ezigibbli mill-istess konvenuti.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula *supra*, jidher li l-konvenuti, ghalhekk, m'humiex il-kontradittturi legittimi di fronti ghall-pretiza attrici u f'dan is-sens l-ewwel eccezzjoni taghhom u kif ukoll t-tieni wahda sejrin jigu akkolti, cioè li l-konvenuti m'humiex il-legittimi kontradittturi u, *ergo*, bhala tali m'humiex debituri fil-konfront ta' l-

---

[38] F'dan is-sens it-Tribunal jirreferi ghas-segwenti senjalazzjonijiet mill-gurisprudenza li japplikaw *mutatis mutandis*: "*Kemm-il darba jinghad li Noti ta' Osservazzjonijiet m'ghandhomx iservu la biex jissupplementaw provi li jmisshom ikunu tressqu fl-istadju xieraq tas-smigh tal-kawża u lanqas biex joholqu kontestazzjonijiet jew linji difensjonali godda li ma jkunux gew dibattuti qabel*" (**Josef Farrugia v. Christopher Carabott et**, Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2008) u illi, "*argumenti u ragjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri in corso*" (**Anthony Cristina pro et noe v. Eleonora Mizzi et**, Appell Civili, 27 ta' Marzu, 2003).

[39] «*Imputet sibi*» è una locuzione latina che significa "imputabile solo a se stesso". È un brocardo, ossia una massima latina, ancora in uso nella giurisprudenza moderna, dove si voglia indicare che un fatto è di esclusiva responsabilità di una persona e non coinvolge terzi. (*cfr*. **FEDERICO DEL GIUDICE**, "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "*imputet sibi*").

[40] *vide* s-seba' premessa fl-Avviz tat-Talba (*a fol*. 2) li hi riflessa f'para. 9 ta' l-affidavit ta' l-attur (*a fol*. 17).

[41] Ara trattazzjoni ta' l-ahhar ta' l-attur *a fol*. 72 *et seqq*.

attur. B'dan mghadud, il-jeddijiet ta' l-attur biex jirriskwoti dak lilu dovut minghand min hu tenut hekk jikkumpensah qed jithallew impregudikati b'din id-decizjoni.

Stabbilita tali konkluzjoni, u in vista ta' l-istess, it-Tribunal ma jarax il-htiega li jevalwa jekk il-kwantifikazzjoni ta' l-ammont pretiz mill-attur f'dawn il-proceduri huwiex wiehed korret, gust o meno. Tali aspett, ukoll, qed jithalla impregudikat.

Qabel l-gheluq ta' din is-sentenza, it-Tribunal jehtieg iwettaq zewg rimarki qosra.

Wahda hi bi twegiba ghas-sottomissjoni maghmula mill-parti attrici dwar il-fatt li f'dawn il-proceduri l-verzjoni tieghu[42] ma gietx kuntrastata jew opposta tramite kontro-ezami (li dan it-Tribunal jinterpretaha bhala stedina biex l-istess tinghata aktar valur fuq dak sostnut mill-konvenuti avversarji).[43] Dwar hekk, it-Tribunal jirreferi ghar-riflessjonijiet senjalati fid-decizjoni tieghu, li qed tinghata llum, *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** (ref. nru. 208/2017) bla htiega li jirrepeti hawnhekk dak hemm asserit in linea ta' principju u jaghmlu applikabbli *mutatis mutandis* ghall-prezenti kaz.

L-ohra hija li ma jkunx futili jigi mfakkar illi, "*Hu fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-*ratio decidendi *adottata*." (**Elizabeth Bugeja v. Anthony *sive* Tony Muscat** Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 2007). Inoltre, kontendent fi proceduri gudizzjarji (kemm attur u kif ukoll konvenut) ma jistax jippretendi illi min ghandu jiggudika ghandu jaccetta bhala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tieghu kontra l-konvinzjonijiet ta' min hu tenut jiggudika (*vide* **Antoine Vassallo v. Paul Portelli**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008) ghax, kif maghruf, il-gudikant, f'sede civili, hu fakoltizzat bid-diskrezzjoni li japprezza l-elementi probatorji akkwiziti u li jispogola minnhom dawk il-fonti ta' provi li hu jidhirlu l-aktar idoneji biex isostni d-decizjoni tieghu (*vide* **Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et,** Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008). Anzi, jinsab sahansitra rikonoxxut illi anke jekk sabiex tasal ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza, il-qorti ta' l-ewwel grad taghzel tistrieh kwazi ghal kollox fuq ir-rizultanzi istruttorji forniti minn parti wahda, u mhux fuq l-assjem tal-provi, dan ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment hazina jew erroneja (ara f'dan is-sens **Bonalco Aluminium Limited v. John Peresso**, Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007). Ir-raguni wara dan jista' jinsilet mill-kliem utilizzat mill-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana, fil-kaz ta' '*Zambelli c. Tarozzo*' tat-28 ta' Jannar, 1977, fejn hemm affermat hekk: "*L'obbligo della motivazione deve ritenersi assolto dal giudice del merito ogni qualvolta questi indichi gli elementi sui quali fonda il proprio*

[42] Misjuba fl-affidavit ezebit b'nota datata 8 ta' Novembru, 2018 (ara *a foll.* 16-19 u dokumenti mieghu annessi *a foll.* 20-46).

[43] Fit-trattazzjoni ta' l-gheluq, l-attur, *inter alia*, jirrimarka li, "*hawnhekk, irrid naccenna ghall-affidavit li ressaqt jiena, li huwa affidavit dettaljat u li ghalih ma sar l-ebda kontro-ezami*" (*a fol.* 76) u "*f'dal kaz hawnhekk, huma m'ghamlux kontro-ezami ta' dak li ghidt jiena fl-affidavit dettaljat li jiena ghamilt*" (*a fol.* 77).

*convincimento, dovendo ritenersi disattesi, per implicito, quei diversi rilievi e quelle circostanze, che, sebbene non menzionati espressamente, siano logicamente incompatibili con la decisione addottata*." (*cfr*. "**MASSIMARIO DELLA GIURISPRUDENZA ITALIANA**" Anno XLVII - 1977; UTET 1979, massima nru. §444 riportata f'pagna 107).

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, ghar-ragunijiet espressi f'din id-decizjoni, filwaqt li jichad it-tielet eccezzjoni, qed jilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet u jiddikjara li l-konvenuti m'humiex il-kontradittturi legittimi fil-konfront ta' l-attur u li l-istess m'humiex debituri tieghu u jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju u, konsegwentement, in linea mal-kunsiderazzjonijiet suesposti, jichad it-talba attrici, salv u impregudikat kwalsiasi jedd iehor spettanti lill-istess.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri - minhabba n-natura tal-kaz u b'applikazzjoni ta' l-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta - ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*